MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 1073/1998/1

**Stephen u Tania konjugi Mamo**

**vs**

**David Felice u b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2004, il-kunjom 'Felice' gie kancellat u sostitwit bil-kunjom 'Felici'**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) danni (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi) subiti in segwitu ghal incident stradali li gara l-Mosta (Zebbiegh) fit-2 ta' April, 1998, bejn vettura numru JAB 468 misjuqa mill-konvenut u vettura JAV 576 misjuqa mill-attur. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba imprudenza, imperizja, u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' April, 1998, u dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju, 1998, lill-

assikurraturi tal-konvenut kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut fejn ammetta t-talbiet attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------